**165. L-Onor. Guido de Marco jipproponi:**

Peress illi Malta hija membru tal-Kunsill tal-Ewropa;

Peress li l-Gvern Malti qiegħed jieħu sehem fix-xogħlijiet tal-istess Kunsill kemm f'livell Ministerjali kif ukoll f'livell governattiv;

Peress li l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa hija l-aktar waħda rappreżentattiva tal-popli Ewropej, formanti parti tal-istess Kunsill u dan permezz ta' deputati Parlamentari eletti mill-istess parlamenti nazzjonali;

Peress li dan il-Parlament mhux qiegħed jibgħat r-rappreżentanti tiegħu fl-Assemblea Parlamentati tal-Kunsill tal-Ewropa;

Għalhekk din il-Kamra tirrisolvi illi tibgħat ir-rappreżentanti tagħha fl-istess Assemblea Parlamentari skont l-istatut tal-Kunsill tal-Ewropa.

**04.07.1984**